MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 941/2010

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Carmela Bonnici, bint John Camilleri, imwielda Attard fit-8 ta' Ġunju, 1952, Karta ta' l-Identita numru 492052(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-31 ta' Ottubru, 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel u ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja limerika, għamlet qliegħ li jeċċedi l-€2,329.37 għad-

dannu tar-raġel tagħha, Anthony Bonnici, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 464347(M);
2. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-3 ta' Frar, 2009 approprjat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' prokura ta' l-APS Bank Limited datata 3 ta' Frar, 2009;
3. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-3 ta' Frar, 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-12 ta' Mejju, 2009 u fix-xhur u is-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu preċedenti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputata ammetiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali u l-ammissjoni bikrija tagħha u tikkundannaha għal piena ta'

sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------